**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 25 ta' Marzu 2025**

**Rikors Guramentat nru ; 114/2024AGV**

**FF**

**Vs**

**Dr Simon MICALLEF STAFRACE**

**U L-PL GILLIAN MUSCAT**

**Kuraturi Deputati sabiex**

**Jirraprezentaw lil IK**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors guramentat ta'  FF;**

JESPONI BIR-RISPETT u bil-gurament jikkonferma:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-tnejn ta'  Gunju tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A u mill-liema zwieg ma twieldux ulied.

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb b`qerq dwar il-kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vvizjat b`difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom jew b`anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wihed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga.

5. Illi minhabba li l-intimata rrifjutat li tikkonsuma l-istess zwieg dan iz-zwieg ghandu ghalhekk jigi annullat.

6. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artiklu 19(1)(e)

7. Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba regunijiet ohra kontemplati fl-Att Dwar iz-zwieg Kap 255 tal-Ligijiet ta Malta li jirregolaw z-zwiegijiet bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-ligi.

**Ghaldaqstant r-rikorrenti** jitlob bir-rispett lil din L-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn ir -rikorrent u l-intimata huwa null u bla effett fil-ligi u

2. Tordna li dina n-nullita' tigi registarta fuq l-att taz zwieg relattiv fuq indikat

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa ngunt in subizzjoni.

**Rat ir- Risposta** tal-Av Simon Micallef Starace u PL Gillian Muscat bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil IK .

Bil-qima jghidu:-

Illi l-esponenti m`huwiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirreservaw d-dritt li jippresentaw risposta motivata f`kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-attur huwa armel mill-ewwel zwieg tieghu, u ghandu eta' avanzata. Huwa zzewweg lill-konvenuta, assenti minn Malta, fit-2 ta' Gunju 2022 fil-Grecja, wara li ltaqa' maghha fuq sit tal-Internet u wara li damu xi tlitt xhur biss illi jafu lil xulxin. Fl-affidavit tieghu l-attur jghid li ried lil xi hadd min jdur bih, peress illi kien kiber sew fl-eta', u zzewweg primarjament ghalhekk.

Kif izzewgu u gew joqoghdu Malta, il-konvenuta bdiet titolbu hafna flus u tibghathom lura lill-familjari taghha gewwa t-Tajlandja. Kien inqala' argument bejniethom u spicca jirrappurtaha lill-Pulizija. L-attur jghid li l-konvenuta qaltlu li kull ma riedet minnu huwa l-flus tieghu biex tixtri dar fit-Tajlandja. Qatt ma kellha intenzjoni tghix hajja mizzewga mieghu, sahansitra qaltlu li ahjar jidhol f'dar residenzjali ghall-anzjani. Wara dan l-argument, l-attur hallsilha biljett tal-ajru biex hi tmur lura pajjizha, izda ma telqitx minn Malta u marret toqghod ma' xi hbieb taghha. Minn dakinhar, tilef kull kuntatt maghha, u ma jafx jekk ghadhiex hawn Malta jew le.

Ix-xiehda tal-attur giet ikkorroborata min-neputija tieghu, AF u minn ibnu AGF. Il-kuraturi ma kellhom ebda mezz biex jikkomunikaw mal-konvenuta, u ghalhekk ma kellhom ebda provi x'jressqu.

Huwa evidenti li dan iz-zwieg ma kien zwieg xejn. Jidher li z-zewg partijiet ma kellhom ebda intenzjoni illi jghixu hajja mizzewga. L-attur ried lil xi had jdur bih, peress illi kien anzjan, mentri mix-xiehda tieghu, il-konvenuta riedet biss flus u hajja gewwa pajjiz fl-Ewropa.

Fit-talbiet tieghu, l-attur qed jindika l-Artikoli 19(1)(c), 19(1)(d), 19(1)(f) u 19A(1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ghalhekk trid tara taht liema minn dawn l-Artikoli jaqa' l-kaz odjern.

Illi d-dispozizzjonijiet rilevanti ghal dan il-kaz ghalhekk huma s-segwenti:

> "19. (1) B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null:
>
> - ommissis -
>
> "(c) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalità tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;
>
> "(d) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet

u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

- ommissis -

"(f) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;

"19A. (1) Żwieġ validu jista' jiġi annullat fuq talba ta' parti miżżewġa waħda minħabba li l-parti l-oħra tkun irrifjutat tikkonsma l-istess żwieġ."

Mid-dicitura ta' dawn id-dispozizzjonijiet u mill-assjem tal-provi prodotti, jirrisulta illi z-zwieg jista' jigi ddikjarat null a bazi tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u possibbilment anke taht l-Artikolu 19A (1) tal-istess Kap, ghalkemm ma ngabetx prov acara u konkreta ta' dan. L-Artikoli l-ohra zgur m'humiex applikabbli ghal dan il-kaz. Ma gie indikat ebda vizzju ta' kunsens imnissel minn qerq jew difett serju psikologiku, la minn naha u lanqas minn ohra. A kuntrarju ta' dan, izda, il-kaz jinkwadra perfettament taht is-sub paragrafu (f) tal-istess Artikolu. Huwa zgur li l-konvenuta dahlet ghal dan iz-zwieg bl-eskluzjoni posittiva tal-istess zwieg. A skans ta' ripetizzjoni, huwa ovvju minn dak li xehed l-attur illi l-konvenuta riedet biss biljett biex titlaq minn pajjizha u ssib ragel li jista' jzommha u jhallsilha proprjeta' fit-Tajlandja, filwaqt illi tgawdi l-liberta' fl-Ewropa. Dan taht ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' jwassal ghal zwieg kif inhu mifhum f'pajjizna. Jekk iz-zwieg kienx gie ikkunsmat jew le jibqa' prezunt biss ghall-Qorti, ghalkemm probabbli hafna.

Ghalhekk il-Qorti sejra tilqa' t-talba tal-attur u tiddikjara z-zwieg null a bazi tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI;

TILQA T-TALBIET ATTRICI.

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn ir -rikorrent u l-intimata huwa null u bla effett fil-ligi, ai termini tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Tordna li dina n-nullita' tigi registarta fuq l-att taz zwieg relattiv fuq indikat.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati provizorjament mill-attur, izda jsiru rekuperabbli mill-konvenuta hekk kif jigi determinat fejn qed tirrisjedi.

**Imhallef**

**Onor Anthony G Vella**

**Cettina Gauci – DEP REG**